# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 13**

**Rikors numru 2325/00/3 MH**

**Joseph Camilleri u s-Soċjeta` Kiss Live FM Limited għal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Joseph Grima u Grima Communications Ltd u b'degriet tas-16 ta' Ġunju, 2017, l-atti ġew trasfużi f'isem Lynn Zahra u bintha Chase Zammit**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment wara talba tal-appellanti Lynn Zahra u Chase Zammit li skont digriet tal-Qorti tad-29 ta' Marzu, 2022, tqieset bħala waħda għall-ħelsien mill-għoti tal-garanzija għall-appell *ai termini* tal-Artikolu 904 tal-Kap. 12.

Ir-rikorrenti Lynn Zahra tissottometti illi hi milquta minn mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru. 482/21 għal aktar minn miljun ewro, mertu tal-kawża fl-ismijiet Peter Paul Grima et u Filippa sive Lynn Zahra et, citaz. nru. 228/2021.

Il-Qorti tirreferi wkoll għall-atti ta' talba oħra simili fl-istess atti fejn iddikjarat li oltre l-mandat ta' sekwestru hemm mandat ta' inibizzjoni numru 481/21 li fiha hi inibita milli tbiegh proprjeta` fiż-Żejtun liema proprjeta` tappartjeni lil kumpanija li tagħha r-rikorrenti wirtu l-azzjonijiet fiha.

Tissottometti wkoll illi wara li r-rikorrenti ċedew appell fil-kawża fl-ismijiet Joseph Grima v. Carmelo Pace, ċitaz. nru. 152/92 u ngħataw *cheque* bħala ħlas tas-*sorte*, dan ic-*cheque* ma jistax jissarraf minħabba s-sekwestru.

L-intimat jopponi għat-talba billi jissottometti li r-rikorrenti ma ġabux prova tal-assi li għandhom bħala werrieta ta' Joseph Grima u prova li rrikorrew lill-bank għall-finanzjament.  Jissottometti wkoll illi r-rikorrenti ma ġabux il-prova tal-*probabilis causa litigandi* kif jitlob l-Artikolu 904.

Din il-Qorti tqis li r-rikorrenti setgħu kienu aktar fidili u preċiżi mal-liġi għall-mod kif fasslu u ressqu l-provi għal din it-talba. Pero` jirriżulta lill-Qorti li l-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' inibizzjoni qed ixekklu bis-sħiħ aċċess għal kwalsiasi assi li jista' jkollhom ir-rikorrenti u kuntrarjament għal dak li jgħid l-intimat l-ebda bank ma hu probabbli li ser isellef lir-rikorrenti jew jagħmel tajjeb għalihom biex iħallsu l-kawtela. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ din il-Qorti tqis li r-rikorrenti ppruvaw li ma għandhomx il-mezzi biex iħallsu depożitu bħala garanzija ta' l-fuq minn €10,000 li mhix somma zgħira.

Rigward il-prova dwar il-*probabilis causa litigandi,* ir-rikorrenti qed jappellaw f'din il-kawża kemm fuq il-likwidazzjoni tad-danni akkordati lilhom u dan għal diversi raġunijiet elenkati fl-appell, kemm fuq l-imgħax akkordat u l-ispejjeż tal-kawża. Jidher *prima facie* li l-appell mhux frivolu għax spjegat sew u f'dettall fl-aggravji mressqa u għalhekk tqis li nġiebet prova sodisfacenti ta' *probabilus causa litigandi.*

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti appellanti u teħlishom mill-obbligu tal-ħlas tal-garanzija tal-ispejjeż.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da